**12 ta' April, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D., President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

*Carmelo sive Charles Buttigieg*

*versus*

Albert Mizzi bħala Chairman għan-nom u in rappresentanza ta' l-Air Malta Company Limited.

## Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Applikabilità – Privati, bejn – Dritt Pubbliku u Dritt Privat

*Appell minn sentenza dwar l-applikabilità tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għar-relazzjonijiet bejn il-privati. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċizjoni tal-Prim Istanza.*

*Il-Qorti wara li spjegat id-distinzjoni bejn id-dritt pubbliku u privat, waslet għall-konklużjoni li ma jistax jingħad li normi tad-dritt pubbliku huma esklużi bejn il-privat. Għalhekk l-applikabilità o meno tan-normi kontenuti fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem bejn individwi privati kienet waħda li tiddependi mill-fatti u forom ta' kull każ.*

Il-Qorti: – kkunsidrat:

Ir-rikors promotorju ta' din il-kawża jinsab reġistrat fis-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija f'din l-istess kawża, fid-9 ta' Ottubru 1989 u għalhekk m'hemmx bżonn li jiġi hawn ripetut. Dik is-sentenza ddeċidiet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat nomine dwar jekk teżistix jew le azzjoni għall-ksur tad-drittijiet fundamentali ħlief kontra l-Istat.

Fid-9 ta' Jannar 1991 il-Qorti Ċivili Prim'Awla ċaħdet eċċezzjoni oħra ta' l-intimat nomine li huwa kien ivverbalizza fis-7 ta' Frar 1990 u fformalizza fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tas-26 ta' Frar 1990 fis-sens illi d-drittijiet fundamentali li fuqhom tista' tittieħed azzjoni minn persuna privata kontra persuna privata oħra, huma dawk li għalihom u fir-rigward tagħhom tkun ġiet promulgata liġi u dik il-liġi tkun ġiet vjolata.

Din l-eċċezzjoni ġiet spjegata hekk: Billi din il-Qorti fis-sentenza tagħha msemmija tad-9 ta' Ottubru 1989 kienet waslet għall-konkluzzjoni li xi drittijiet fundamentali – bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali – jistgħu jkunu azzjonabbli kontra privati, esklusivament fuq l-insenjament tal-ġurista Indjan Basu – l-istess Basu jikteb illi kontra l-privati, però, dawk id-drittijiet fundamentali, biex ikun esiġibbli jridu jkunu ġew inkorporati f'xi liġi.

Dik is-sentenza mmotivat iċ-ċaħda tagħha hekk:

"L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ċitata ma mxietx esklusivament fuq l-insenjament tal-Basu iżda iddikjarat li hija waslet għall-konklużjoni li l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta japplika wkoll fil-konfront ta' vjolazzjoni minn persuna sija fiżika sija morali in bażi għad-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu. Qalet ukoll li għalkemm skond il-filosofija rigwardanti

drittijiet fundamentali dawn jeżistu fil-konfront ta' l-Istat u jistgħu jiġu salvagwardati b'kawża appożita kontra l-istess Stat, l-imsemmi prinċipju ġenerali ma ġiex enunċjat mill-Kostituzzjoni tagħna u ma jistax jiġi eskluż li f'ċerti każijiet, drittijiet fundamentali jistgħu jeżistu wkoll fil-konfront ta' individwu w, għalhekk, l-istess jistgħu jiġu salvagwardati. Kollox jiddependi mit-termini wżati mill-Kostituzzjoni. Is-soluzzjoni tal-kwistjoni wieħed għandu jsibha fil-kliem użati mill-istess Kostituzzjoni meta ikkontemplat "*seritatim*" id-diversi drittijiet fundamentali;

Wara "*inter alia*" il-konsiderazzjoni fuq ċitati, l-prelodata Qorti Kostituzzjonali eżaminat id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kkonkludiet li d-diċitura tiegħu hija ġenerika ħafna u qalet: –

"Dawn il-kliem huma ġeneriċi ħafna u l-Qorti ma tarax li hija tista' tillimitahom għal trattament da parti ta' l-Istat biss, iżda jistgħu japplikaw ukoll għal trattament degradanti da parti ta' persuna."

Ikkunsidrat:

Minn dan isegwi li l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali huwa li fil-Kostituzzjoni tagħna m'hemmx ir-regoli ġenerali, kif jgħallem il-Basu, u kwindi jsegwi li, la m'hemmx ir-regola ġenerali, l-artikolu 36, fil-każijiet ta' vjolazzjoni minn individwu, ma jikkostitwix xi eċċezzjoni;

Għalhekk, il-klassifikazzjoni proposta mill-Basu ma tidhirx li tista' tkun applikabbli għall-kostituzzjoni tagħna.

Kif sew għallmet il-prelodata Qorti Kostituzzjonali, s-

soluzzjoni wieħed għandu jsibha fil-kliem użati mill-istess Kostituzzjoni biex, fil-kwistjoni li qegħda tiġi investita, din il-Qorti tkun tista' tasal għall-interpretazzjoni korretta ta' dak li trid il-Kostituzzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, il-artikoli 32 u 46 tal-Kostituzzjoni jgħinu ħafna fis-soluzzjoni tal-vertenza odjerna sabiex wieħed ikun jista' jiddecidi jekk il-leġislatur riedx jassoġġetta l-protezzjoni mogħtija bis-saħħa ta' l-artikolu 36 għal xi liġi oħra f'każ ta' vjolazzjoni da parti ta' indiviwu, a differenza minn vjolazzjoni da parti ta' l-Istat.

Minn eżami ta' l-artikolu 32 li bih jibda l-kapitolu IV tal-Kostituzzjoni dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu, jirriżulta li d-disposizzjonijiet ta' l-istess Kapitolu għandhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittjiet u libertajiet imsemmijin. Dan juri, fil-fehma tal-Qorti, li l-intenzjoni tal-leġislatur hija li m'hemmx bżonn ta' xi liġi oħra għall-protezzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali, għaliex huma l-istess disposizzjonijiet li jintitolaw lill-individwu għal rimedju. Dan ukoll joħroġ mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 46 li jgħatu ġurisdizzjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tagħti l-protezzjoni meħtieġa f'każ ta' ksur jew probabilità ta' ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali u l-Qorti "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna", li tallega vjolazzjoni jew probabbli vjolazzjoni.

Minn dan jidher li din il-Qorti hija mogħtija ġurisdizzjoni biex twettaq direttament id-drittijiet fundamentali mingħajr

distinzjoni u mingħajr in-neċessità ta' xi liġi oħra, minbarra d-disposizzjonijiet kostituzzjonali fuq ċitati u ġiet konferita b'poteri ampji u diskrezzjonali biex l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamnetali tiġi assigurata.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiddikjara li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, anke f'każ ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni minn persuna fiżika jew morali, għandu applikazzjoni mmedjata mingħajr il-bżonn ta' xi liġi oħra w konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-intimat nomine li biex ir-rikorrent jista' jipprosegwixxi l-azzjoni tiegħu jrid jipprova li saret liġi biex tagħti effett għall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess intimat nomine.''

Dan huwa appell minn dik is-sentenza, bażat fuq l-argumenti li se jiġu hawnhekk konċiżament esposti u kummentati:

(a) Il-Kostituzzjoni hija parti mid-Dritt Pubbliku u għalhekk mhux korrett dak li qalet is-sentenza appellata illi meta l-istess Kostituzzjoni ma teskludix l-applikazzjoni ta' xi artikolu bejn il-privati allura d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni japplikaw direttament bejn żewġ privati – u dan għaliex fejn ma tgħidx espressament li n-normi tagħha japplikaw għar-relazzjonijiet bejn żewġ privati allura japplikaw biss bejn l-Istat u l-privat.

Din il-Qorti ma jidhirlhiex li din id-deduzzjoni li qed jagħmel l-appellant hija konsentita. Il-klassifika klassika tad-Dritt, il-Pubbliku u Privat – li fis-sbatax-il seklu, ġiet aġġornata billi żdied id-Dritt Internazzjonali, biex jiġu koperti r-relazzjonijiet bejn Stat u Stat – ċertament ma tistax isservi biex jingħad illi

biex in-norma pubblika jkollha effett *inter privatis*, jew tkun trid dan l-effet b'mod inekwivoku jew li tiġi magħmula applikabbli permezz ta' liġi ordinarja ta' dritt privat.

Il-bażi tal-klassifika hija t-**tip** ta' relazzjoni li n-norma tirregola. Kull klassifika għandha prinċipalment finalità epistemoloġika, u ċertament m'għandiex il-funzjoni loġiko-deduttiva li jippretendi l-argument ta' l-appellant.

Difatti fil-kamp ġuridiku, in-normi, hekk imsejħa "proċedurali" – miġbura fil-każ tagħna – prinċipalment fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili – u dawk penali – miġbura prinċipalment fil-Kodiċi Kriminali u fil-Liġijiet tal-Pulizija – fejn għandhom jitpoġġew fil-klassifika a bażi ta' relazzjonijiet li n-normi jirregolaw?

L-appellant jgħid illi biex norma ta' dritt pubbliku jkollha effett bejn privati trid tkun hi stess li trid dan l-effett b'mod inekwivoku. Il-Qorti tikkonfessa li dan ma jistax jingħad għall-istruttura ġuridika tagħna fejn in-normi kollha ta' dritt pubbliku nkorporati fil-Kodiċi Kriminali u fil-Liġijiet tal-Pulizija huma kollha normi li jirregolaw **ukoll** ir-relazzjonijiet bejn il-"privati" u huma anzi l-bażi ta' dawk il-fonti ta' l-obbligazzjonijiet ċivili magħrufa bħala obbligazzjonijiet li joħorġu mid-delitti u mill-kważi-delitti.

Dan hemm bżonn jingħad għaliex l-appellant jissottometti illi norma ta' dritt pubbliku "jkollha effett" bejn privati - jew meta jgħid hekk l-istess Dritt Pubbliku jew meta "tiġi magħmula applikabbli" mid-Dritt Privat; u biex dan ikollu sens bilfors huwa riferibbli għal xi sistema ġuridika differenti minn tagħna.

U tabilħaqq, tħoss illi hemm diversi aspetti ta' l-appell li ma jiftehmux fil-kuntest tas-sistema tagħna. X'ifisser li norma mid-Dritt Pubbliku "jkollha effett" bejn privati?

Din il-Qorti, konfrontata mill-appellant b'dak li kiteb Durgas Das Basu fil-ktieb *"Introduction to the Constitution of India" (Printice - Hall of India, Private Limited - New Delhi, 1983)* f'paġna 84, fejn tirrikorri l-frażi *"But these provisions in Part III* (tal-Kostituzzjoni ta' l-India fejn hemm elenkati d-Drittijiet Fundamentali) *are self-executory, that is to say, these articles, are not directly* ***enforceable;*** *they would be* ***indirectly enforceable*** *only if some law is made to give effect to them, and such law is violated"* ma tistax tifhem kif u għaliex dan id-deskrizzjoni tal-posizzjoni skond is-sistema proċedurali indjana hija rilevanti għas-sistema proċedurali tagħna – li hija differenti sewwa minn dik indjana? Fl-ebda parti mill-proċess ma hemm spjegazzjoni preċiża tal-frażi *"self-executing"* inkwantu ċertament fis-sistema maltija din ma tfisser xejn. L-anqas id-distinzjoni bejn *"directly-enforceable"* u *"indirectly enforceable"* ma tagħmel sens f'kuntest malti, amenokè din m'hix dik id-distinzjoni li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta - bejn id-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji li hemm fil-Kapitolu II u li l-artikolu 21 jiddisponi li dawn:

"…. ma jkunx esegwibbli f'xi qorti, iżda l-prinċipji li hemm fihom huma b'dan kollu fundamentali għall-iggvernar tal-pajjiż u jkun l-iskop ta' l-Istat li japplika dawn il-prinċipji fl-egħmil ta' liġijiet"

u d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu li hemm fil-Kapitlu IV li d-disposizzjonijiet tiegħu –

"…. jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija …."

Imma jekk dan huwa hekk allura huwa manifest illi m'hemm ebda paragun bejn is-sistema tagħna u dik ta' l-India għaliex dak li aħna nikkunsidraw bħala *"not directly enforceable"* huma l-prinċipji fundamentali orjentattivi tad-Dritt Oġġettiv u m'humiex id-drittijiet fundamentali soġġettivi *"de quo agimur"*.

Sfortunatament l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ġiet indotta li tagħti s-sentenza appellata fuq bażi kompletament tejorika bħallikieku hija kellha d-dover li tagħmel diskwisizzjoni akkademika pura w sempliċi mingħajr sottostratt ta' fatti pruvati, li riferibbilment għalihom kull Qorti hija marbuta li tirriżolvi kull problema ta' konflitt ta' drittijiet. U naturalment din il-Qorti kellha neċessarjament issegwi.

Il-paragrafu preċedent kellu jinkiteb għaliex dak kollu li ntqal jista' jirriżulta li huwa rrilevanti għall-fattwalità sħiħa tal-kawża meta u kif din tiġi stabbilita meta jsiru l-provi kollha. Dan kien imisshom ippreċedew l-esposizzjoni ta' aspett possibbli tad-Dritt u mhux isegwu.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata – u tibgħat lura l-proċess għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.

Spejjeż għas-soċjetà appellanti.